MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 1339/1989/1

**Prokuratur Legali Joseph Zammit ghan-nom u in raprezentanza tal-Bank of Valletta Limited**

**v.**

**Joseph Fenech, Joseph Zarb u Alfred Sciberras**

**Il-Qorti:**

## I IS-SENTENZA APPELLATA

1. Il-konvenuti Alfred Sciberras u Joseph Zarb appellaw separatament mis-segwenti sentenza moghtija

mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet premessi:
"**Il-Qorti,**

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur fid-19 ta' Settembru, 1989, li in forza taghha, wara li ppremetta li l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenut Joseph Fenech fis-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u hamsa u sebghin liri Maltin u sitta u sittin centezmu (LM15,975.66,0) bilanc ghad-debitu fil-kont kurrenti tieghu mal-Bank of Valletta Limited (Dok 'A1' sa 'A3') flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Marzu, 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament.

"Ippremettali l-konvenut Joseph Fenech gie interpellat ufficjalment biex ihallas id-dejn tieghu versu l-attur *nomine* b'ittra ufficjali datata 24 ta' Awissu, 1989 (Dok 'B') izda dan baqa' inadempjenti.

"Ippremettta li bi skrittura privata datata 6 ta' Mejju, 1988, u li kopja fotostatika taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok 'C', il-konvenut Joseph Zarb iggarantixxa *'in solidum'* ma' Joseph Fenech, a favur tal-Bank of Valletta Limited, id-debiti ta' l-istess Joseph Fenech mal-Bank of Valletta Limited limitatament ghas-somma ta' ghaxar t'elef liri Maltin (LM10,000) flimkien ma' l-imghaxijiet fuq dan l-ammont dekoribbli minn sitt xhur qabel it-talba ghall-hlas.

"Ippremetta li l-konvenut Joseph Zarb gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Awissu, 1989 (Dok 'D') sabiex ihallas is-somma ta' ghaxar t'elef u erba' mitt liri Maltin (LM10,400) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data ta' l-effettiv pagament, izda dan baqa' inadempjenti.

"Ippremettta li bi skrittura privata ohra datata 12 ta' Lulju, 1988 u li kopja fotostatika taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok 'E', il-konvenut Alfred Sciberras iggarantixxa *'in solidum'* ma' Joseph Fenech, a favur tal-Bank of Valletta Limtied, id-debiti ta' l-istess Joseph Fenech mal-Bank of Valletta Limited limitatament ghas-

somma ta’ hames t’elef liri Maltin (LM5,000) flimkien ma’ l-imghaxijiet fuq dan l-ammont dekoribbli minn sitt xhur qabel it-talba ghall-hlas.

“Ippremettta li l-konvenut Alfred Sciberras gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 24 ta’ Awissu, 1989 (Dok ‘F’) sabiex ihallas is-somma ta’ hames t’elef u mitejn liri Maltin (LM5,200) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta’ l-imsemmija ittra ufficjali sad-data ta’ l-effettiv pagament, izda dan baqa’ inadempjenti.

“Talab ghalhekk bix il-konvenut Joseph Fenech ighid ghaliex m’ghandux, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

“1. Jigi minn dina l-Qorti kkundannat ihallas lill-attur *nomine* is-somma ta’ hmistax-il elf disa mija u hamsa u sebghin liri Maltin u sitta u sittin centezmi (LM15,975.66,0) bilanc ghad-debitu fil-kont kurrenti tieghu mal-Bank of Valletta Limited flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mid-19 ta’ Marzu, 1989 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

“Talab ukoll biex il-konvenut Joseph Zarb ighid ghaliex m’ghandux ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

“1) Jigi minn dina l-Qorti kkundannat *‘in solidum’* ma’ Joseph Fenech ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ ghaxar t’elef u erba’ mitt liri Maltin (LM10,400) ammont minnu ggarantit flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta’ Awissu, 1989 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

“Talab ukoll li l-konvenut Alfred Sciberras ighid ghaliex m’ghandux ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

“1) Jigi minn din il-Qorti kkundannat *‘in solidum’* ma’ Joseph Fenech ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ hames t’elef u mitejn liri Maltin (LM5,200) ammont minnu ggarantit flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta’ Awissu, 1989 sad-data ta’ l-effettiv pagment.

“Bl-ispejjez komrpizi dawk ta’ l-ittri ufficjali tal-24 ta’ Awissu, 1989 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Impendimenti tas-Safar kontra persuna li qed jigu pprezentati

kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Alfred Sciberras li biha ecepixxa:

“1) Illi d-domanda attrici in kwantu diretta kontra l-eccipjent hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li huwa qatt ma ghamel xi garanzija a favur ta’ l-attur *nomine* jew favur xi terza persuna ohra.

“2) Illi jekk l-esponent iffirma xi “garanzija”, il-kunsens tieghu ghall-istess kien vizjat u ghalhekk din ma saritx skond il-ligi;

“3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Joseph Zarb li biha eccepixxa:

“1) Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-kunsens tieghu fuq l-imsemmija skrittura datata 6 ta’ Mejju, 1988 kien vizzjat u dana ghat-tenur ta’ l-artikoli 974, 975, 976 u 981 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2) Illi minghajr pregudizzju ghal premess, huwa ma kienx bniedem idoneju a tenur ta’ l-artikolu 1931 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-istess skrittura m’ghandu jkollha ebda effett fil-konfront tieghu;

“3) Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

“Bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine* li hu minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Alfred Sciberras li biha ecepixxa:

“1) Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet tieghu precedenti, anke jekk jigi koncess ghall-argument li l-eccipjent iffirma xi garanzija, din kienet tkun nulla stante li

saret minghajr il-kunsens ta’ martu, kif jitlob artikolu 1318 (1) tal-Kodici Civili.

“2) Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Joseph Zarb li biha ecepixxa:

“1) Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tieghu precedenti anke jekk jigi konness ghall-argument li l-eccipjent iffirma xi garanzija, din kienet tkun nulla stante li saret minghajr il-kunsens ta’ martu kif jitlob l-artikolu 1318 (1) tal-Kodici Civili;

“2) Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Rat li l-konvenut Joseph Fenech ma ressaq ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u b’hekk baqa’ kontumaci;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Novembru, 1997, li in forza tieghu gie mahtur bhala perit tekniku, Dr Anthony Abela Medici sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondotezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-20 ta’ Marzu, 2000, li in forza tieghu il-perit tekniku gie sostitwit b’Ivan Formosa;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-14 ta’ Awissu, 2000, li in forza tieghu nnominat bhala perit legali biex jassisti lill-perit tekniku lill-Avukat Dottor Kris Borg, a spejjez tal-konvenut Sciberras;

“Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti gudizzjarji;

“Rat ir-rapport ipprezentat mill-periti gudizzjarji fl-24 ta’ April, 2001, liema rapport gie kkonfemat mill-perit legali biss fl-udjenza tas-26 ta’ Novembru, 2001;

“Rat li dan ir-rapport baqa’ ma gie konfermat qatt mill-perit tekniku Ivan Formosa;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Frar, 2002, li in forza tieghu wara li l-Qorti giet informata li l-imsemmi perit tekniku jinsab residenti barra minn Malta u mhux previst li jirritorna lura Malta, irrevokat l-inkarigu ta’ l-imsemmi perit tekniku, is-Sur Ivan Formosa, u hatret minfloku, bl-istess fakultajiet, lis-Sur Joe Gaffiero, biex jirrelata kif kien gie verbalizzat fis-seduta tas-27 ta’ Novembru, 1997;

“Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-imsemmi perit tekniku;

“Rat ir-rapport tal-perit tekniku pprzentat fis-6 ta’ Frar, 2003, u minnu mahluf fl-udjenza ta’ l-14 ta’ Ottubru, 2003;

“Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Semghet lid-dfiensuri tal-partijiet;

“Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet tal-konvenuti Sciberras u Zarb;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Illi jirrizulta li l-konvenut Joseph Fenech talab u inghata facilita’ ta’ *overdraft* mill-Bank attur, u oltre garanziji ohra, il-Bank attur talab u inghata zewg garanziji personali, wahda limitatament ghas-somma ta’ Lm10,000 minn Joseph Zarb, u dan fuq skrittura datata 6 ta’ Mejju, 1988, fejn l-istess Joseph Zarb ikkostitwixxa ruhu bhala garanti *in solidum* ma’ Joseph Fenech sa l-ammont indikat, u l-ohra limitatament ghas-somma ta’ LM5,000 minn Alfred Sciberras, u dan fuq skrittura datata 12 ta’ Lulju, 1988, fejn l-istess Alfred Sciberras ikkostitwixxa ruhu bhala garanti *in solidum* ma’ Joseph Fenech sa l-ammont

indikat. Irrizulta wkoll li d-debitur Joseph Fenech kien inqeda bil-facilita' ta' *overdraft* koncessa mill-Bank attur, u s-somma dovuta, mehud kont ta' l-imghaxijiet ikkalkulati sad-19 ta' Marzu, 1989, telghet ghal LM15,975.66,0. Id-debitur principali, u l-garanti '*in solidum'* gew interpellati jhallsu d-debitu b'ittri ufficjali pprezentati kontra taghhom fl-24 ta' Awissu, 1989, izda peress li kemm id-debitur kif ukoll il-garanti baqghu inadempjenti kellha ssir din il-kawza ghall-hlas tad-debitu dovut.

"Id-debitur principali, l-konvenut Joseph Fenech, baqa' ma kkontestax it-talba attrici, izda l-konvenuti garanti *in solidum* kkontestaw il-kawza, u dan mhux billi kkontestaw, bhala fatt, il-kreditu reklamat mis-socjeta' attrici, izda billi allegaw li l-garanzija hija nulla fil-konfront taghhom.

"Fil-fatt, il-konvenut Sciberras eccepixxa illi:

"(a) Hu qatt ma ffirma garanzija a favur il-Bank attur;

"(b) Jekk iffirma garanzija, l-istess hi nulla minhabba vizzju tal-kunsens;

"(c) Jekk iffirma garanzija, l-istess hi nulla ghax ma gietx iffirmata wkoll minn martu kif kien jirrikjedi l-artikolu 1318 (1) tal-Kodici Civili.

"Il-konvenut Zarb ecepixxa illi:

"(a) Il-garanzija li hu ffirma kienet nulla minhabba vizzju tal-kunsens;

"(b) Il-garanzija hija wkoll nulla ghax hu ma kienx bniedem idoneju biex jaghti garanzija, kif jitlob l-artikolu 1931 tal-Kodici Civili;

"(c) Il-garanzija hi nulla ghax ma gietx iffirmata wkoll minn martu kif kien jirrikjedi l-artikolu 1318 (1) tal-Kodici Civili.

“Peress illi l-ahhar eccezzjoni hija ta’ natura legali u hija komuni ghaz-zewg konvenuti Sciberras u Zarb, din il-Qorti tibda tittratta l-ewwel dik l-istess eccezzjoni.

“L-Artikolu 1318 tal-Kodici Civili kien gie emendat kompletament bl-Att XXI tal-1993 li introduca bidla radikali fis-sistema tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti kif topera hawn Malta. Qabel dan l-Att, l-istess artikolu kien gie emendat bl-Att XLVI ta’ l-1973, u bis-sahha ta’ dik l-emenda, li hi invokata mill-konvenuti u li hi applikabbli ghall-kaz peress li kienet ir-regola *in vigore* meta gew iffirmati l-garanziji in kwistjoni, dak l-artikolu, jew ahjar, dak is-sub-artikolu invokat u applikabbli, kien jinqara hekk:

*“1318. (1) The administration of the acquests and the right to sue and to be sued in respect of such acquest appertains to the husband; but he may not alienate or hypothecate such acquests without the consent of the wife except under an onerous title or to satisfy obligations imposed on him by law.”*

“Jekk dan is-subartikolu kienx jipprojbixxi lir-ragel jaghti garanzija minghajr il-kunsens ta’ martu kie gie dskuss mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, almenu fi tlett kawzi, u ghalkemm it-tlett kawzi imsemmija kienu presjeduti minn gudikant differenti, fit-tlett istanzi ntqal li dak l-artikolu jipprojbixxi biss *“transfers*” jew ghoti ta’ ipoteki b’titolu gratwitu, u, bhala eccezzjoni ghall-poteri assoluti li kellu ir-ragel fuq il-kommunjoni ta’ l-akkwisti m’ghandhiex tinghata interpretazzjoni wiesgha, u kwindi l-ghoti ta’ garanzija, anke jekk b’titolu gratuwitu, ma kienx kopert b’dik l-eccezzjoni, u r-ragel seta’ jagixxi wahdu fl-ghoti ta’ garanzija minghajr htiega li jitlob il-kunsens ta’ martu. It-tlett kawzi li tirreferi ghalihom din il-Qorti huma “Mamo noe vs Abela noe et” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per Onor. Imhallef G. Mifsud Bonnici) fl-20 ta’ Marzu, 1990, “Borg vs Borg et”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per Onor. Imhallef G. Muscat Azzopardi) fl-14 ta’ Gunju, 1994, u “Mercieca noe vs Borg noe et”, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per Onor. Imhallef A. Manche’) fis-6 ta’ Ottubru, 1994.

"Din il-Qorti, kif issa presjeduta, taqbel ma' dan l-insenjament u tqies li, skond il-ligi allura vigenti, ragel mizzewweg taht ir-regim tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, seta' jaghti garanzija ghad-dejn ta' haddiehor u, b'hekk, jorbot il-komunjoni u dan minghajr htiega li qabel jottjeni l-kunsens ta' martu.

"Kwindi din il-Qorti qed tichad l-ahhar eccezzjoni dik ulterjuri, sollevata mill-konvenuti Sciberras u Zarb.

"Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Zarb (li l-garanzija hi nulla ghax hu ma kienx bniedem idoneju kif rikjest fl-artikolu 1931), il-Qorti tirrileva li dan l-artikolu jinsab fil-ligi bhala garanzija ghall-kreditur u mhux biex il-garanti japprofitta ruhu min-nuqqas ta' idonejeta' tieghu. Dak l-artikolu jaghti dritt lill-kreditur li jirrifjuta garanti propost mid-debitur, jekk il-garanti offrut minn debitur "li jkun obbligat li jgib garanti", ma jkollux bini bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghall-oggett ta' l-obbligazzjoni, imma jekk il-kreditur jaccetta l-garanti offrut, l-istess garanti ma jistax jipprova jinqeda b'dak l-artikolu biex jipprova jehles mill-obbligi tieghi. Dak l-artikolu huwa a vantagg tal-kreditur, u jekk il-kreditur, *nonostante* s-sitwazzjoni finanzjarja tal-garanti, jaccetta li jislef flus u jsir kreditur b'dik il-garanzija, l-obbligazzjoni tkun valida u ma jistax il-garanti jinqeda bin-nuqqas ta' beni tieghu stess biex jahrab mill-obbligazzjoni.

"Barra minn dan ma jistax jinghad li d-debitur, f'dan il-kaz, kien "obbligat" li jgib garanti. Id-debitur ried jiehu facilita' ta' *overdraft* mill-Bank attur, u l-istess Bank, kif jaghmel dejjem, irrisponda li kien lest jaghti dik il-facilita' jekk id-debitur jaghti garanziji adegwati. Id-debitur, peress li ma kellux beni tieghu, offra li jgib garanzija personali u l-Bank accetta li johrog il-facilita' fuq garanzija personali. Id-debitur, ghalhekk, ma kienx "obbligat" li jgib garanti, izda kien hu stess li, biex jiffacilitizza l-ghoti ta' facilita' bankarja, offra garanzija personali li giet accettata. Kwindi din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Zarb ghandha wkoll tigi michuda.

“Il-konvenut Sciberras ecepixxa, fl-ewwel lok, li hu qatt ma iffirma garanzija favur il-Bank attur. Fl-atti tal-process, pero’, jirrizulta li, bhala fatt, hemm skrittura ta’ garanzija li tidher iffirmata mill-konvenut. Peress, pero’, li l-konvenut Sciberras baqa’ jinsisti li hu ma iffirma ebda garanzija, gie nominat mill-Qorti espert kaligrafu biex jezamina l-firma fuq l-iskrittura ta’ garanzija u jirrelata dwar jekk din il-firma kienetx tal-konvenuta Sciberras jew le. Il-Qorti kienet, fil-bidu, hatret lis-Sur Ivan Formosa bhala perit tekniku, izda dan, ghalkemm hejja r-rapport tieghu, ma kkonfermahx bil-gurament (kif irid l-artikolu 672 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u, fil-fatt, jirrizulta li lanqas ma sar il-hlas relattiv lill-perit tekniku, u, allura, skond l-artikolu 666 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-rapport tieghu lanqas kellu jigi mdahhal fl-atti tal-kawza. Din il-Qorti, ghalhekk, irrevokat l-inkarigu tieghu u hatret minfloku lis-Sur Joseph Gaffiero, li debitamentipprezenta u kkonferma r-rapport minnu redatt. Skond l-opinjoni ta’ dan l-espert tekniku, huwa jikkonkludi li “minghajr dubju” min iffirma l-garanzija u min iffirma l-kampjuni huwa l-istess bniedem. Irrizulta li l-kampjuni kienu gew iffirmati mill-konvenut Sciberras u fil-fatt, fil-parti konkluzziva tar-rapport, il-perit tekniku sostna li “l-garanzija kienet giet iffirmata genwinament minn Alfred Sciberras, l-istess Alfred Sciberras li ffirma l-kampjuni (10) li jidhru fuq il-process”.

“Issa, kif intqal minn din  il-Qorti fil-kawza “Angelone vs Vella”, deciza fit-28 ta’ Marzu, 2003, “Konkluzzjoni teknika m’ghandhiex tigi leggerment skartata, u kull konvinzjoni kontrarja ghandha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li m’ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami”, (ara wkoll “Grima vs Mamo”, deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fid-29 ta’ Mejju, 1998, u “Mallia vs Mizzi” deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Mejju, 2003). F’dan il-kaz, ma ngiebu ebda argumenti validi li jistghu jwasslu lil din il-Qorti twarrab il-konkluzzjoni teknika u, kwindi, qieghda tadotta l-konkluzzjoni teknika u tqies li l-garanzija in kwistjoni, kienet, fil-fatt, giet iffirmata mill-konvenut Alfred Sciberras.

“Il-Qorti qieghda, ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Sciberras.

“It-tieni eccezzjoni tal-konvenut Sciberras u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Zarb huma ta’ l-istess natura ghax fit-tnejn qed jigi allegat li l-kunsens taghhom kien ivvizzjat meta iffirmaw il-garanzija rispettiva taghom. Filwaqt li l-konvenut Zarb jinkwadra l-allegazzjoni tieghu fuq zball ta’ dritt u ta’ fatt u fuq ghemil doluz, il-konvenut Sciberras ma jispecifikax fuq liema “zball” qed jankra l-allegazzjoni tieghu, izda mill-provi jirrizulta li anke hu qed jibbaza l-allegazzjoni tieghu fuq zball ta’ dritt u ta’ fatt u fuq ghemil doluz, u dan peress li minn imkien ma jirrizulta xi accenn li gie perpetwat atti ta’ vjolenza fuqu nnifsu, fuq familjari tieghu jew fuq hwejjgu; fil-fatt, ma jirrizultax li kien hemm xi thedded ta’ “periklu ta’ hsara kbira” (artikolu 978 Kodici Civili) u, kwindi, din il-Qorti mhux mehtieg li tezamina aktar dan il-vizzju tal-kunsens. Lanqas ma jirrizulta zball fuq il-persuna fis-sens tal-ligi.

“Ghar-rigward ta’ zball ta’ dritt, l-artikolu 975 jghid li “L-izball dwar il-ligi ma jgibx in-nullita’ tal-kuntratt hlief meta dan ikun il-kawza wahdenija jew ewlenija tieghu”. Dan ifisser, skond id-duttrina, li biex wiehed jirnexxi f’azzjoni bbazzata fuq zball tal-ligi, irid juri mhux li naqas li jaghmel xi haga minhabba l-injoranza tieghu tal-ligi, izda li agixxa b’mod pozittiv ghax haseb li kien hemm xi ligi li kienet tikkonstringieh jagixxi b’dak il-mod. Hekk, per ezempju, kien hemm applikazzjoni ta’ dan il-principju ghal kaz ta’ sid li rahhas il-kera ghaliex kien minn ghalih illi l-ligi kienet tobbligah jaghmel dak ir-rohs (Vol XXXII.I.741). F’dan il-kaz, hadt miz-zewg konvenuti ma allega, u wisq izjed prova, li hu iffirma l-iskrittura ta’ garanzija ghax haseb li kien hemm xi ligi tobbligah jagixxi b’dak il-mod. Infatti, in kwantu l-allegazzjoni ta’ vizzju tal-kunsens hija bazata fuq zball ta’ ligi, dik l-allegazzjoni hija vessatorja ghax imkien mill-provi ma hemm xi indikazzjoni li l-konvenuti setghu kienu affetti b’xi zball bhal dan.

“Ghar-rigward ta’ l-allegat zball ta’ fatt, l-artikolu 976 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi li “L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita’ tal-kuntratt hlief meta jaqa’ fuq is-sustanza nfisha

tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim". Skond il-gurisprudenza, l-izball fuq is-sustanza ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli (ara s-sentenza klassika fuq il-materja "Cutajar vs Petroni" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju, 1969). L-element ta' skuzabilita' jinsab affermat f'diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati. Hekk, fil-kawza "Mifsud vs Bonnici" deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Gunju, 1910, intqal li, "*E' mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne' protezione ne' difesa".* Fil-kawza "Pisani vs Mamo", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Novembru, 1933, intqal li, *"La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e' quella secondo qui l-errore non puo' addursi quando e' effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche con lieve diligenza, perche' in tal caso e' da applicarse la massima qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire".* Aktar ricenti, din il-Qorti fil-kawza "Piscopo vs Filletti" decisa fis-16 ta' Gunju, 2003, osservat li l-izball ta' fatt irid ikun sostanzjali u skuzabbli, "*Ma hemmx zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli".*

"F'dan il-kaz, ma jistax jinghad li, jekk verament kien hemm zball, dan kien skuzabbli. Il-konvenut Zarb jghid li hu haseb li l-Bank bghat ghalih biex jaghmel tajjeb ghad-debitur principali "bhala mezz ta' semplici formalita'", u ma kienx jaf x'kien qed jiffirma. Hu jghid wkoll li hu bniedem illiterat u ma qarax l-iskrittura qabel ma iffirma. Fuq dan l-ahhar punt, il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza "Cilia vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Novembru, 1958, fejn intqal li l-fatt li persuna ma' tafx taqra mhux skuzanti ghal kontumacia. "…. u l-konvenut, billi ma jafx jaqra, ma hax il-passi okkorrenti biex dik l-ittra tigi lilu mfissra sewwa, jikkostitwixxi traskuragni li ma tammettix lill-kontumaci ghar-restituzzjoni *"in integrum"* kontra l-prezunzjoni ta' konfessjoni tal-materja kapitolata". (ara wkoll "Pulizija vs Sultana", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kirminali

fl-10 ta' Dicembru, 1998, u "Buhagiar vs Avukat Generali et", decisa mill-Onorabbli Qorti Kosituzzjonali fis-16 ta' Novembru, 1998). Kwindi jekk il-konvenut Zarb ma jafx jaqra, ma messux iffirma d-dokument qabel ma ha parir fuqha u talab lil xi hadd jispjegalu car l-effetti taghha. Apparti dan, il-*Manager* tal-*Branch* tal-Bank attur li kien involut fl-ghoti tal-facilita' *dietro* garanzija, xehed li hu spjega lis-Sur Zarb x'kienet in-natura ta' l-iskrittura li kien se jiffirma u li hu kien se jaghmel tajjeb ghad-dejn li se jiehu s-Sur Fenech. Hu x'inhu, s-Sur Zarb kellu dokument quddiemu li kien gie mitlub jiffirma, u dan id-dokument kien jghid car x'kienet il-portata tieghu u , ghalhekk, jekk hu kien fi zball meta iffirmah, dak l-izball ma kienx skuzabbli.

"L-istess jista' jinghad fil-konfront tal-konvenut Sciberras ghalkemm ic-cirkostanzi tieghu huma xi ftit differenti. Fil-konfront tieghu, hu kien silef LM5,000 lill-konvenut Fenech u dan kien hariglu *cheque post dated* ghall-istess ammont. Meta l-konvenut Sciberras wasal biex isarraf dak ic-*cheque,* il-Bank ma riedx issarafulu ghax ma kienx ghadu kkonkluda l-procedura ta' l-*overdraft facility* favur Fenech. Peress li l-konvenut ried il-flus malajr, fuq suggeriment ta' l-istess *Branch Manager*, ha l-flus wara li ffirma garanzija ghall-ammont li kien se jiehu l-konvenut Fenech. Dan il-*Branch Ma*nager ikkonferma li hu kien qallu li kien se jiffirma garanzija "u li jekk il-flus ghal xi raguni ma jigux minghand Fenech jistghu jinqalghulu xi problemi". Hawn ukoll, il-konvenut Sciberras kellu dokument quddiem li kien ighid car u tond li kien dokument ta' "Garanzija", u la ghazel li jiffirma, hu marbut bil-kontenut tieghu.

"Fuq dan il-punt, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Borg noe vs Grima noe et", deciza fit-3 ta' Gunju, 1994, li ghandha fattispecie li jisbhu s-sitwazzjonijiet ta' dan il-kaz. Il-konvenut garanti f'dik il-kawza xehed li meta iffirma l-*guarantee forms* tal-Bank, haseb li qed jiffirma dokument biex ikun jista' johrog *cheques* ghall-kumpanija debitrici. Il-Qorti qalet li l-izball irid ikun skuzabbli, u jekk hu veru li haseb hekk, jibqa' l-fatt li kien traskurat ghax

iffirma minghajr ma qara l-karta jew talab li tigi spjegata lilu.

“Fiz-zewg kazijiet, ghalhekk, din il-Qorti tichad l-allegat vizzju ta’ kunsens bazat fuq zball ta’ fatt.

“Ghar-rigward ta’ l-ghemil doluz, l-artikolu 981 tal-Kodici Civili jghid li, “L-ghemil doluz huwa motiv ta’ nullita tal-ftehim meta l-inganni maghmula minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienetx tikkuntratta”.

“Tajjeb li qabel kull analizi tal-konsiderazzjoni ta' fatt u ta' dritt involuti f'dan il-kaz jigu stabbiliti l-principji kardinali konsakrati fil-gurisprudenza taghna relattivi ghall-aspett tad-*dolo* f'materja civili;

“Skond l-insenjament traccjat fid-decizjoni "Innocenzo Galea -vs- M. Zammit", Appell Civili, 3 ta' Dicembru 1919 (Vol. XXIV.I.203) il-principji huma s-segwenti:-

"(1) *il mantenimento dei contratti e` di interesse generale purche` e` principio di ordine pubblico; siffatta considerazione impone che nelle cause d'impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche` non si abbia ad annulare un'atto che dovrebbe rimanere in vigore;*

*(2) i principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso;*

*(3) a provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purche` siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita` o il contratto impugnato e` stato l'effetto di raggiri usati dall'altra parte o da terzi."*

“Mill-principji fuq raffigurati jitnisslu dawn l-osservazzjonijiet, ukoll mehuda mill-kazistika taghna fuq is-suggett:-

“(a) "*A costituire i raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull'altra per indurla al contratto, ma occorse un elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolanti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente*" - "Giovanni Farrugia Gay -vs- Emanuele Farrugia Gay", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV.II. 578);

“(b) "*I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contratto*" ("Terese Galea -vs- Salvatore Bonnici" a Vol. X pagna 592. Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li ta lok ghal ftehim li ghaqqad in-negozju ("Alice Cassar Torreggiani -vs- Albert R. Manche`", Appell Civili, 17 ta' Marzu 1958 (Vol. XLII.I.126);

“(d) Kif stabbilit fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 981, id-dollo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti wahda uzat "*scienter*" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi ("Joseph Mifsud nomine -vs- Paul Tanti" u "Josephine mart Francis Galea -vs- Perit Walter Caruana Montaldo", iz-zewg kawzi decizi rispettivament fl-4 ta' Frar 1965 u s-16 ta' Dicembru 1970);

“Din il-Qorti, wara li ezaminat attentament il-provi prodotti, hija tal-fehma li z-zewg konvenuti nvoluti ma waslux biex jipprovaw li l-Bank attur uza raggiri u li kienu dawn r-raggiri li nducewhom jikkonkludu l-iskritturi issa impunjati minnhom. L-ufficjali tal-Bank imxew korretament fiz-zewg istanzi, u ma jirrizultax li l-kunsens taz-zewg konvenuti seta’ kien affett minn xi ingann ipprattikat mill-Bank attur. Jista’ jkun li huma gew ingannati mill-konvenut l-iehor, pero’, jekk sar tali ingann, dan skond il-ligi, ma jwassalx ghall-annullament tal-kuntratt, imma *se mai*, ghall-azzjoni ta’ danni kontra min agixxa dolozament fil-konfront taghhom.

“Barra minn dan, kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza gia kwotata “Piscopo vs Filletti”, *“Ma jistax jigi allegat frodi*

*meta l-fatti kienu facilment accertabbli; ikun tassew facli kieku kellu jigi acettat illi bl-iskuza ta' l-allegata mala fede da parti ta' wiehed mill-kontraenti, l-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkjuz"*. F'dan il-kaz, mhux biss ma gew murija ebda raggiri uzati mill-kontraent l-iehor, izda kif intwera, l-fatti kienu facilment accertabbli, u z-zewg konvenuti involuti setghu, b'uzu ta' diligenza ordinarja, ikunu jafu c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jirregolaw ruhhom. Iz-zewg konvenuti gew prezentati b'dokument li fih kien jikomprendi l-kondizzjonijiet kollha li kellhom jirregolaw il-ftehim li kienu se jidhlu fih; il-parti l-ohra ma hbiet xejn u ma uzat ebda raggiri fil-kuntest ta' dak il-kuntratt, u z-zewg konvenuti, minhabba c-cirkostanzi partikolari taghhom tal-kaz, accettaw li jiffirmaw l-istess ftehim u li jkunu marbuta bit-termini tieghu.

"Ghaldaqstant, anke din l-eccezzjoni relattiva taz-zewg konvenuti ghandha tigi michuda.

"Darba li gew michuda l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, il-Qorti se tghaddi biex tezamina t-talba attrici. L-ewwel nett tajjeb li jinghad, ghal kull *buon fini*, li kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza <u>"Mamo noe vs Leone</u> <u>Ganado et</u>", deciza fis-26 ta' April, 1996, meta Bank jislef flus bla ricerki u bi ftit kontroll, il-garanti ma jistax jilmenta li ghall-finijiet ta' l-artikolu 1959 il-Bank ippregjudika d-drittijiet tieghu ta' rigress; dak li l-ligi titlob li jigi protett hija s-surroga '*di diritto'*, mhux l-effekacja tad-drittijiet li fihom il-garanti jigi surrogat. Intqal wkoll ulterjorment mill-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza <u>"Gambina noe vs Vassallo et"</u> deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998, li anke jekk il-Bank jaghti facilita' ohra lid-debitur principali jew izid l-ammont ta' self, il-garanti xorta wahda jibqa obbligat ghax b'dan il-mod il-Bank ma jkunx ippregudika id-dritt ta' rigress ta' l-istess garanti.

"It-talba nnifisha giet konfermata u tirrizulta gustifikata. Kif inghad aktar qabel, hadd mill-konvenuti ma kkontesta l-ammont tad-debitu reklamat mill-Bank attur, u, mid-dokumenti esebiti, l-ammont reklamat jirrizulta pruvat.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti, u tilqa' it-talbiet kollha tas-socjeta' attrici kif dedotti fil-konfront tat-tlett konvenuti.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti Joseph Zarb u Alfred Sciberras *in soldium* bejniethom, hlief ghall-ispejjez in konnessjoni mar-rapport tekniku li ghandhom jithallsu mill-konvenut Alfred Sciberras."

**<u>II. L-APPELL</u>**

2. Il-konvenut Joseph Zarb appella minn din is-sentenza b'rikors ipprezentat minnu fit-22 ta' Marzu 2004. Madanakollu, dana l-appell ma giex debitament kawtelat mill-istess appellant Joseph Zarb u ghalhekk din il-Qorti, fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2006 (ara fol. 65), iddikkjarat l-istess appell dezert ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

3. Il-konvenut Alfred Sciberras ukoll appella minn din is-sentenza b'rikors ipprezentat minnu fit-22 ta' Marzu 2004. Fir-rikors ta' l-appell tieghu huwa ressaq bazikament zewg aggravji u cioe`:
a) li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni wisq restrittiva u antikwata ta' l-Artikolu 1318(1) tal-Kodici Civili;
b) li l-imsemmija Qorti skartat certi provi li juru li l-ufficjali tal-Bank u l-konvenut Joseph Fenech aggixxew b'tali mod li ingannaw lill-appellant Sciberras u ghalhekk il-kunsens tieghu fuq id-dokument intestat bil-kelma "Garanzija" kien vizzjat.

Fl-istess rikors ta' l-appell, il-konvenut Sciberras spjega dettattaljament dawn iz-zewg aggravji u talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, in kwantu tirreferi ghalih, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talbiet ta' l-attur in kwantu dawn jirreferu ghall-istess appellant Sciberras, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur nomine.

4. L-attur nomine kkontesta l-appell b'risposta pprezentata fis-16 ta' April 2004. Hemmhekk spjega li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma, ghalhekk talab li din il-Qorti tichad l-appell u li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2004.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Ghandu qabel xejn jigi registrat li l-konvenut Joseph Fenech, li lilu gew avanzati l-flus meritu tal-kawza mill-Bank attur, baqa' kontumaci quddiem l-ewwel Qorti u ghamel l-istess haga quddiem din il-Qorti. Ghalhekk is-sentenza appellata saret gudikat fil-konfront tieghu.

6. Kif diga` nghad fil-Paragrafu 2 supra, l-appell ta' Joseph Zarb gie dikjarat dezert minn din il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2006, billi l-istess appell ma giex kawtelat mill-appellant Zarb, ghalhekk anke fil-konfront ta' dan l-appellant Zarb, is-sentenza appellata saret gudikat.

7. L-appell kollu ta' l-appellant Sciberras huwa msejjes fuq l-allegazzjoni tieghu li l-garanzija, li fuqha l-Bank attur ressaq il-pretensjoni tieghu kontrieh, hija nulla. Din il-garanzija giet redatta bi skrittura privata datata 12 ta' Lulju 1988 u kopja fotostatika taghha hija esebita a fol. 52 *et sequitur* tal-process. Din il-garanzija hija maghmula minn *printed form* bil-lingwa Ingliza konsistenti f'erba' faccati ta' tipa pjuttost irqiqa u li biha jidher mad-daqqa t'ghajn li l-konvenut Sciberras iggarantixxa, in solidum mal-konvenut Joseph Fenech, a favur tal-Bank attur, id-debiti ta' l-istess Joseph Fenech limitatament ghas-somma ta' Lm5,000, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi.

8. Il-konvenut Sciberras ikkontesta l-awtenticita` kif ukoll il-validita` ta' din il-garanzija. L-ewwel Qorti addottat l-opinjoni ta' l-espert kaligrafu minnha nominat, li kien ikkonkluda li l-garanzija in kwistjoni kienet giet iffirmata mill-konvenut Sciberras. Dan ta' l-ahhar ikkontesta l-validita` ta' l-istess garanzija billi allega li din kienet nulla ghax saret minghajr il-kunsens ta' martu li ma ffirmatx l-istess garanzija. Anke din il-kontestazzjoni giet michuda mill-ewwel Qorti, kif ukoll giet michuda l-kontestazzjoni l-

ohra tal-konvenut Sciberras li allega li l-kunsens tieghu fuq din l-iskrittura kien vizzjat.

9. Wiehed mill-aggravji ta' l-appellant Sciberras huwa fis-sens li l-ewwel Qorti skartat totalment provi u rizultanzi li wrew bic-car, fuq bilanc ta' probabbiltajiet, li ufficjali tal-Bank attur, b'mod partikolari x-xhud Alfred Caruana, mhux talli ma mxewx korrettement mieghu, izda waslu biex qarrqu bih f'attentat biex jippruvaw jghattu n-negligenza u n-nuqqas ta' professjonalita` taghhom, biex b'hekk wasslu lill-appellant li jiffirma d-dokument in kwistjoni, cioe` il-garanzija, fuq informazzjoni u impressjoni zbaljata, u ghalhekk il-kunsens tieghu kien vizzjat. L-appellant jikkritika s-sentenza appellata minhabba li din ghazlet li taghti kredibilita` massima lix-xhud Caruana, u dan nonostante l-inkonsistenza u l-ambivalenza tax-xiehda tieghu, u fl-istess waqt ghazlet li tiskarta x-xhieda ta' l-appellant Sciberras li wera b'mod univoku li kien spicca vittma ta' loghba ta' ngann li ntlaghbet bejn il-konvenut Fenech u x-xhud Caruana. L-appellant jirrimarka li ma hemm l-ebda raguni ghaliex huwa m'ghandux jitwemmen meta stqarr li kien inghata x'jifhem li l-karta li kien inghata biex jiffirma, hekk kif sarraf ic-cekk, kienet ricevuta u mhux garanzija. Huwa jghid li qatt ma kellu ebda relazzjoni ta' negozju ma' Fenech u ma kellux ghalfejn jghamel garanzija ghal somma ta' flus li, wara kollox, kien hareg biex jaghmel pjacir lil Fenech wara li kien inghata assigurazzjoni mill-bank li huwa sejjer jithallas lura minghajr problemi ghas-self li kien ghamel lil Fenech. L-appellant jghid ukoll illi l-kaz odjern m'huwiex semplici kaz ta' zball, izda kaz ta' ngann fejn huwa immanifesta l-intenzjoni li jiffirma ricevuta ghall-ammont li kien gie rimborzat lilu mill-bank izda certament ma kellu ebda intenzjoni li jiffirma garanzija – haga li wara kollox ma kellux ghalfejn jaghmel stante li ma kellu ebda relazzjoni ta' negozju jew ta' natura ohra mal-konvenut Fenech.

10. L-appellant m'huwiex qieghed jikkritika l-esposizzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata dwar l-aspetti legali li jikkoncernaw il-vizzju tal-kunsens fil-kuntratti. Huwa qieghed jikkritika l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi rilevanti

akkwiziti fil-process ghaliex qieghed isostni li dawn il-provi kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti li taccetta li huwa kien ingannat meta ffirma l-garanzija in kwistjoni.

11. Din il-Qorti qalet kemm-il darba li hija, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-provi. Madanakollu, jekk ikun jirrizultalha li din id-diskrezzjoni giet ezercitata manifestament hazin jew ikun jirrizultalha xi motiv gravi iehor, ikun dover ta' din il-Qorti li tiddistakka ruhha minn dak l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, ghaliex diversament tkun qeghda tissanzjona ingustizzja manifesta.

12. Huwa xieraq li f'dan il-kuntest din il-Qorti tezamina l-fatti li wasslu ghall-iffirmar tal-garanzija in kwistjoni, ezattament kif dawn il-fatti jemergu mill-provi akkwiziti mill-process.

a) Fis-sena 1988 il-konvenut Joseph Fenech (maghruf ukoll bhala Zeppi l-Hafi) kien qieghed fi trattattivi mal-Bank attur biex dan jaghtih *over draft facility* ta' Lm10,000 (ghaxart elef liri Maltin) biex ikun jista' jmexxi n-negozju tieghu ta' diskoteka;

b) Fis-6 ta' Mejju 1988 il-konvenut Joseph Zarb iffirma garanzija lill-bank (ara fol. 56 sa 59 tal-process). Biha jidher li Zarb dahal biex jaghmel tajjeb ghal din l-*over draft facility* ta' Fenech sa limitu ta' Lm10,000 (ghaxart elef liri Maltin);

c) Fis-7 ta' Mejju 1988 il-Bank attur ikkonceda lill-konvenut Joseph Fenech l-imsemmija *over draft facility* ghal Lm10,000 (ghaxart elef liri Maltin) u dana bil-kundizzjonijiet li jissemmew fid-dokument li kopja fotostatika tieghu tinsab a fol. 27 tal-process. Fl-istess dokument hemm indikat numru ta' garanziji ohra li kellhom jaghmlu tajjeb ghal din l-*over draft facility*, fosthom il-garanzija ta' Joseph Zarb li ssemmiet qabel, kif ukoll ipoteki generali u dik specjali li tissemma' fl-istess dokument. Il-konvenut Joseph Fenech accetta dawn il-

kundizzjonijiet, kif jirrizulta mill-firma tieghu li hemm fuq l-istess dokument;

d) X’aktarx li kien ghall-habta ta’ Gunju 1988 li l-konvenut Fenech talab lill-konvenut Sciberras jisilfu s-somma ta’ Lm5,000 (hamest elef lira Maltin). Dwar din il-proposta ta’ Fenech, l-appellant Sciberras stqarr hekk fl-affidavit tieghu a fol. 88 tal-process:
“Jiena ddarrast xi ftit ghal din il-proposta, izda meta offra li jlaqqghani mal-Manager tal-Fergha tal-Bank of Valletta ta’ Hal-Luqa sabiex dan jghammilli tajjeb li niehu flusi lura fi zmien xahar, iddecidejt li mmur mieghu sa Hal-Luqa bl-iskop li niltaqa’ ma’ dan il-Manager”;

e) Jidher li l-konvenut Fenech, sa dan it-tant ma kienx ghadu onora l-ghoti tal-garanziji li jissemmew fil-paragrafu c) supra. Ghalhekk il-Bank attur x’aktarx li ma kienx f’posizzjoni li javanza lil Fenech il-Lm5,000 (hamest elef liri Maltin) li huwa kellu bzonn u kien x’aktarx ghalhekk li huwa kellu jdur fuq terza persuna biex tavanzalu dan l-ammont. Din it-terza persuna inzertat li kienet il-konvenut Sciberras li kif jirrizulta mill-provi ltaqa’ ma’ Fenech kumbinazzjoni fit-triq gewwa Birkirkara.

f) L-appellant Sciberras stqarr hekk fl-imsemmi affidavit tieghu a fol. 88:
“Meta wasalna l-Bank of Valletta ta’ Hal-Luqa, Fenech introducieni mal-Manager Alfred Caruana. Jiena staqsejt lil Caruana dwar kif ser issir it-transazzjoni sabiex jien ikolli mohhi mistrieh li nithallas lura zgur. Caruana qalli sabiex nikteb cheque ghall-Lm5,000 fuq isem Joseph Fenech u li l-bank kien ser jaghtini cheque ta’ Lm5,000 li kellu jissarraf fi zmien xahar. Caruana qalli sabiex inserrah rasi ghaliex ic-cheque li kien ser jaghtini kien ser jissarraf zgur. Jien ghidtlu li ma kienx daqstant importanti ic-cheque jissarrafx fi zmien xahar jew hames jew sitt gimghat ghaliex ghalija l-importanti kien li l-flus jidhlu kif hargu. Ghandi nghid li Fenech sahansitra offrieli s-somma ta’ Lm200 bhala rigal, izda jien m’accettajtx ghaliex ghidtlu li dak li kont ser naghmel kien bi pjacir u mhux ghall-gwadann. Fil-fatt jien ma hadt ebda rigal minghandu.

Jekk niftakar sew, ic-cheque fuq isem Joseph Fenech kitbu Alfred Caruana u ffirmajtu jien. Ic-cheque tal-Bank of Valletta ghall-Lm5,000 miktub fuq ismi li seta' jissarraf fi zmien xahar ghaddiehuli l-istess Caruana."

g) Ix-xhieda ta' Alfred Caruana dwar dak li gara f'dan l-ewwel inkontru li huwa kellu ma' l-appellant Sciberras fil-prezenza ta' Joseph Fenech, hija pjuttost inkonsistenti u dan mill-anqas dwar zewg aspetti importanti. F'parti mix-xhieda tieghu, Caruana jidher li kien assigura lil Sciberras li huwa kien ser jithallas fi zmien xahar. A fol. 31 tal-process Caruana xehed hekk:
"......fil-fatt Sciberras kien qalli li kien ircieva cekk minghand Fenech u li ma setghax isarrfu. Jiena ghidtlu illi fi zmien xahar Fenech ikun lahaq lesta l-kuntratt u rregola l-posizzjoni tieghu mal-bank u Sciberras ikun jista' jsarrfu. Sciberras accetta dan is-suggeriment tieghi."

Din il-parti tax-xhieda tikkontrasta mal-parti l-ohra tax-xhieda tieghu (ara fol. 34) fejn l-istess Caruana xehed hekk:
"Jiena nichad li kont ghedt lil Sciberras fejn kont assigurajtu li hu kien se jaghti somma flus lil Fenech imbaghad fi zmien hames gimghat ikun sejjer jithallas lura fi zgur".

h) Hemm inkonsistenza ohra li tohrog mix-xiehda li dan Caruana ta fis-seduta tat-18 ta' April 1991 (ara fol. 29 *et sequitur* tal-process), fejn ghal diversi drabi huwa kkonferma bil-gurament li meta Sciberras u Fenech gew ikellmuh flimkien l-ewwel darba, il-Lm5,000 kienu diga` nghataw lil Fenech. Fix-xhieda sussegwenti li Caruana ta fis-seduta tat 28 ta' Mejju 1991 (ara fol. 38 *et sequitur* tal-process) Caruana xehed hekk:
"Nghid li Fenech u Sciberras niftakar li kienu gew ghandi. F'dik l-okkazzjoni Sciberras kien qalli li kien <u>dispost</u> li jislef hamest elef lira lil Fenech" (enfasi ta din il-Qorti).

i) Fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilita` din il-Qorti jidhrilha li l-provi juru li Sciberras accetta li jislef is-somma ta' hamest elef lira lil Fenech appuntu minhabba l-

assigurazzjoni li kien tah il-Bank Manager Alfred Caruana, li l-flus li kien silef kien ser idahhalhom lura fi zmien xahar.

j) Wara li ghadda madwar xahar, Sciberras mar biex isarraf ic-cekk ammontanti ghal hamest elef lira li kien inghata lilu f'dak l-ewwel inkontru li kellu ma' Caruana. Alfred Caruana dakinhar talbu biex imur l-ghada u l-ghada stess ic-cekk imsemmi ssarraf minghajr xkiel wara li Sciberras iffirma "karta" li Sciberras jghid li dwar din il-karta Caruana tah x'jifhem li kienet ricevuta ghas-somma ta' Lm5000 li kien ghadu kemm ircieva mill-bank meta ssarraf l-imsemmi cekk.

k) Hemm kontradizzjoni bejn din ix-xhieda ta' Sciberras u bejn ix-xhieda ta' Alfred Caruana. Dan ta' l-ahhar xehed (ara fol. 40 *et sequitur* tal-process) li meta Sciberras gablu c-cekk biex huwa jsarrafulu huwa qal lil Sciberras li s-*security* ma kenitx ghadha giet *perfected* u allura c-cekk ma setghax jissarraf dak in-nhar. A fol. 32 Caruana xehed hekk:
"Jien allura ssuggerejtlu li jekk Sciberras jaghmel tajjeb, fis-sens li jaghmel garanzija sakemm dan ic-cekk ikun jista' jghaddi cioe` sakemm tigi regolarizzat il-kont ta' Fenech, (sic). Fil-fatt Sciberras is-suggeriment tieghi hadu u ffirma u accetta l-garanzija....... Jiena niftakar li kont ghedtlu li se jiffirma garanzija u jekk il-flus ghal xi raguni ma jigux minghand Fenech jistghu jinqalghu xi problemil";

l) Il-garanzija in kwistjoni hija dik a fol. 52 sa 55 tal-process u ggib id-data tat-12 ta' Lulju 1988.

m) A fol. 29 tal-process hemm *sanction letter* iffirmata mill-Bank Manager tal-Bank of Valletta ta' Hal-Luqa cioe` mill-imsemmi Alfred Caruana. Biha nforma lill-konvenut Joseph Fenech li l-bank kien accetta li jawmenta l-*over draft facility* ghal hmistax-il elf lira taht il-kondizzjonijiet li jissemmew fl-istess *sanction letter*. Wiehed ghandu jinnota li f'dan id-dokument il-garanzija li ffirma Sciberras fit-12 ta' Lulju 1988 <u>assolutament ma tissemma' xejn</u>. Ghandu jigi notat ukoll li wahda mill-kundizzjonijiet ta' l-istess *sanction letter* hija li:

“The facility will only become operative when the security required has been received and found to be in order”.

Il-konvenut Fenech accetta dawn il-kondizzjonijiet ghaliex huwa ffirma l-istess *sanction letter* kif talbu jaghmel l-istess manager biex juri li hu jaqbel mal-kontenut ta’ dak id-dokument.

n) Jirrizulta li nonostante li Fenech qatt ma onora l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess *sanction letter*, madanakollu l-Bank attur xorta wahda fil-fatt hareg l-imsemmija hmistax-il elf lira lil Fenech. Dan ikkonfermah Fenech stess kif ukoll Alfred Caruana fejn dan ta’ l-ahhar a fol. 142 jghid hekk:
“Nikkonferma wkoll li l-att notarili li kellu jsir fil-fatt ma sar qatt. Pero` l-flus kienu hargu”.

Ma giex spjegat ghaliex Caruana naqas li jesigi li jkollu f’idejh “is-security” li tissemma’ fis-“sanction letter” qabel ma ghadda l-flus lil Fenech. Jirrizulta li x-xhud Caruana ddikjara li f’ghajnejh Fenech kien igawdi kredibilita` u in fatti Caruana kkonferma li ma kien indaga xejn dwar l-investiment li allegatament Fenech ried iwettaq dwar l-allegat xiri ta’ restaurant f’Bugibba. Kien appuntu dwar dan in-negozju li l-Bank attur kien accetta li jzid l-*overdraft facility* lil Fenech b’Lm5,000 ohra.

13. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti dana l-aggravju ta’ l-appellant Sciberras huwa gustifikat. Jidher li l-ewwel Qorti naqset li zzomm il-kaz ta’ Sciberras debitament distint minn dak tal-konvenut Zarb li kien pjuttost ta’ xorta ohra. Jidher ukoll li l-ewwel Qorti naqset li tezamina sewwa u fil-komplessita` taghhom il-provi kollha akkwiziti fil-process dwar il-kaz ta’ l-appellant Sciberras. Jidher li l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda univoka tal-konvenut Sciberras u sempliciment strahet kompletament fuq ix-xhieda ta’ Caruana. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan ta’ l-ahhar ma tantx wera professjonalita` u affidibbilita` fl-operat tieghu f’din il-kwistjoni. In fatti din il-Qorti rradikat fiha l-fehma li s-self ta’ hamest elef lira da parti tal-konvenut Sciberras lill-konvenut Fenech sar bhala rizultat dirett ta’ l-inkontru mal-Bank Manager Caruana ghaliex

jirrizulta sodisfacentement lil din il-Qorti fuq bazi ta probabbilita` li kien bis-sahha ta' l-assigurazzjoni li Caruana ta lil Sciberras li huwa kien se jithallas fi zmien xahar, li s-self effettivament sar minn Sciberras lil Fenech. Anke rigward l-otteniment tal-garanzija in kwistjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti hemm indizji gravi bizzejjed biex din il-Qorti taghti ferm aktar affidibbilita` lill-verzjoni ta' Sciberras milli lill-verzjoni ta' Caruana. Konsegwentement waslet ghall-konkluzjoni li, fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilita` il-kunsens ta' Sciberras f'dik il-garanzija ittiehed fuq informazzjoni u impressjoni zbaljata u ghalhekk l-istess kunsens tieghu kien vizzjat.

14. Gialadarba din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, evidentement l-istess garanzija ta' l-appellant Sciberras li tinsab a fol. 52 tal-process ma tiswa xejn f'ghajnejn il-ligi. Ghalhekk jaqa' ghal kollox il-kaz tal-Bank attur fil-konfront ta' l-appellant Sciberras, billi mill-att tac-citazzjoni jirrizulta li l-pretensjoni ta' l-istess Bank attur hija ghal kollox ankrata ma' din il-garanzija.

15. F'dawn ic-cirkostanzi jkun inutli li din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji l-ohra kontenuti fir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant Sciberras.

16. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell ta' l-appellant Alfred Sciberras, u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata biss in kwantu din tirreferi ghall-istess appellant Sciberras u, filwaqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni ta' l-istess appellant Sciberras, tichad it-talbiet tal-Bank attur fil-konfront ta' l-istess appellant Alfred Sciberras; ovvjament tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda lil Fenech u lil Zarb.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza ta' l-appellant Sciberras jithallsu mill-Bank attur, hlief ghall-ispejjez in konnessjoni mar-rapport tekniku li ghandhom jithallsu mill-konvenut Alfred Sciberras stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------